A.L. 347 ta' l-2005

ATT DWAR IS-SERVIZZI TA' IMPIEG U TAĦRIĠ
(KAP. 343)

Regolamenti ta' l-2005 dwar il-Kunsill Malti għall-Kwalifiki

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 41 ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg, ghamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 dwar il-Kunsill Malti ghall-Kwalifiki. Titolu u dħul fis-seħħ.

(2) Dawn ir-regolamenti ghandhom jidħlu fis-seħħ f'data li tigi stabbilita mill-Ministru responsabbli ghall-edukazzjoni.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor: Tifsir.

"aġenzija ta' taħriġ" tfisser kull istituzzjoni jew entità ġuridika li tipprovdi servizzi ta' taħriġ jew edukattivi li jwasslu ghall-kisba ta' kwalifiki professjonali jew vokazzjonali fil-Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki kif provdut fir-regolament 11;

"l-Att" tfisser l-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ;

"konsulent tekniku" tfisser persuna, jew istituzzjoni edukattiva u ta' taħriġ, jew stabbiliment industrijali jew kummerċjali li jipprovdu konsulenza teknika lill-Kunsill kif stabbilit fir-regolament 9;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Malti ghall-Kwalifiki imwaqqaf bir-regolament 3;

"kwalifiki" tfisser espressjoni formali ta' gharfien, ħiliet u kompetenzi ta' persuna, u dawn jagħtu gharfien uffiċjali ta' valur fis-suq tax-xogħol u fl-edukazzjoni ogħla u t-taħriġ;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli ghall-edukazzjoni;

Kap 419

"*standard*" ghandha l-istess tifsira kif moghtija lilha fl-artiklu 2 ta' l-Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-Istandards u kull referenza ghal *standards* ta' gharfien, ħiliet u kompetenzi ghandha tigi tiftiehem bl-istess mod;

"uffiċjal pubbliku" tfisser l-istess bħal fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni.

Kunsill Malti ghall-Kwalifiki.

3. (1) Għandu jitwaqqaf Kunsill, li jkun maghruf bħala il-Kunsill Malti ghall-Kwalifiki, li jkollu l-funzjonijiet imsemmija f'dawn ir-regolamenti.

Kostituzzjoni Tal-Kunsill.

4. (1) Il-Kunsill ikun magħmul minn disa' membri li jinħatru mill-Ministru u jkun kompost kif ġej:

(a) *chairperson* b'esperjenza rilevanti;

Kap. 451.

(b) il-persuna nominata bħala l-Koordinatur ghal Rikonoxximent Reċiproku taħt artikolu 5 tal-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki;

(ċ) persuna minn fost l-uffiċjali pubbliċi jew esperti tal-gvern involuti fl-ippjanar u żvilupp ekonomiku tal-pajjiż;

(d) persuna minn fost l-uffiċjali involuti li jistabblixxu livelli u jizguraw il-kwalità fl-edukazzjoni.

(e) tliet persuni li jirrapreżentaw istituzzjonijiet ta' edukazzjoni u taħrig u korpi li joħorgu kwalifiki;

Kap.431.

(f) żewġ persuni nominati mill-Kunsill Malti ghall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, wieħed li jirrapreżenta l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u l-ieħor li jirrapreżenta lit-*trade unions*.

(2) Il-membri tal-Kunsill ikunu maħtura ghal perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin u kull membru jista' jkun eliġibbli li jerġa' jiġi appuntat.

(3) Il-Kunsill ghandu jiltaqa' daqstant drabi kemm ikun meħtieġ jew spedjenti u li l-quorum ikun ta' ħames membri inkluż iċ-*chairperson* tal-kumitat.

(4) Jekk ma jkunx hemm qbil, id-deċizjonijiet tal-Kunsill jittieħdu b'maġġoranza tal-voti tal-membri preżenti u votanti; fil-każ li l-voti jiġu ndaqs, iċ-*chairperson* tal-Kumitat ikollu d-dritt tal-*casting vote*.

(5) Il-Kunsill ma jkunx skwalifikat mit-tmexxija tax-xogħol minħabba xi vakanza fost il-membri tiegħu.

5. L-għan ewlieni tal-Kunsill għandu jkun li: Ghanijiet tal-Kunsill.

(1) jaħdem għall-iżvilupp ta' Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki imsemmi f'regolament n.11 u li jisorvelja t-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni li jwasslu għal kwalifiki fi ħdan il-Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki u li ma jkunx diġa qed jiġu provduti mill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni obbligatorja jew korpi li jagħtu lawriji.

(2) Il-Kunsill għandu wkoll:

(a) jistabbilixxi u jżomm qafas ta' kwalifiki biex jiżviluppa, jakkredita u jagħti l-kwalifiki professjonali u vokazzjonali barra minn lawrja, ibbażati fuq *standards* ta' għarfien, ħiliet, kompetenzi u attitudnijiet miksubin mill-individwi;

(b) iġib 'il quddiem u jiffaċilita l-aċċess, it-trasferiment u l-progress lejn it-tagħlim tul il-ħajja kollha tal-bniedem;

(ċ) jinkoraġġixxi r-rikonoxximent f'pajjiżi barranin ta' ċertifikati professjonali u vokazzjonali mogħtija f'Malta taħt dawn ir-regolamenti.

6. (1) Il-Kunsill għandu bħala funzjonijiet li jagħmel dak kollu li jkun meħtieġ jew spedjenti skond dawn ir-regolamenti biex jippromwovi l-iskopijiet tal-Kunsill. Funzjonijiet tal-Kunsill.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subregolament (1), il-Kunsill għandu:

(a) jippromwovi l-izvilupp tal-Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki u tal-politika u l-kriterji li fuqhom għandu jissejjes dan il-Qafas;

(b) japprova u jiżgura li jippubblika livelli nazzjonali ta' gharfien, ħiliet, kompetenzi u attitudnijiet għal kull settur ta' żvilupp;

(ċ) japprova u jippublika kull proċedura li għandha tiġi implimentata minn aġenziji li jkollhom programmi ta' edukazzjoni u taħriġ għal aċċess, trasferiment u mixi 'l quddiem;

(d) jaċċerta li kull livell u proċedura msemmija f'dawn ir-regolamenti jiġu implimentati;

(e) jakkredita l-programmi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali mogħtija minn aġenziji ta' taħriġ;

(f) japprova ċertifikati maħruġin minn aġenziji ta' taħriġ;

(g) jżomm u joħroġ *records* uffiċjali ta' ċertifikati mogħtijin;

(h) jirregola l-ħatra ta' konsulenti tekniċi maħturin mill-Kunsill; u

(i) jwettaq kull funzjoni oħra li l-Ministru jista' jirrakkomanda minn żmien għal żmien.

(3) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, l-Kunsill għandu jiżgura konsultazzjoni sħiħa u xierqa ma' l-awtoritajiet u l-aġenziji responsabbli għal edukazzjoni u taħriġ professjonali, vokazzjonali u aktar għolja, u ma' l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' liċenzi tan-negozju.

(4) Il-pubblikazzjoni ta' livelli u proċeduri msemmija f'dan ir-regolament għandhom ikunu f'dik l-għamla u b'dak il-mod li l-Kunsill iqis li jkunu xierqa.

(5) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-livelli u proċeduri rilevanti, il-Kunsill għandu jiżgura li jkun hemm komunikazzjoni, trasparenza, konsistenza u imparzjalità xierqa.

Segretarjat tal-Kunsill.

7. (1) Għandu jkun hemm Segretarjat li jipprovdi servizzi amministrattivi ġenerali lill-Kunsill.

(2) Il-funzjonijiet tas-Segretarjat għandhom ikunu -

(a) li jikkordina x-xogħol tal-Kunsill u jżomm *record* tal-laqgħat kollha li jsiru;

(b) li jikkordina x-xogħol tal-Konsulenti Tekniċi;

(ċ) li jżomm *database* ta' livelli nazzjonali ta' kompetenzi professjonali u vokazzjonali f'livelli speċifiċi;

(d) li jżomm *database* ta' persuni li jkunu mogħtija ċertifikati approvati mill-Kunsill;

(e) li jxerred informazzjoni dwar kwalifiki u ċertifikazzjoni lil dawk kollha involuti u lill-pubbliku in ġenerali.

Il-Kap Ezekuttiv.

8. (1) Il-Kunsill għandu jaħtar Kap Ezekuttiv għal perjodu inizjali ta' ħames snin li jista' wara jiġġedded minn hemm għal perjodi oħra skond kif jiddeċiedi l-Kunsill.

(2) Il–Kap Ezekuttiv jkun responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum tal-Kunsill, u għandu jipprovdi sostenn adatt għal-laqgħat tal-Kunsill u jimplimenta d-deċiżjonijiet fil-Kunsill.

(3) Il-Kap Ezekuttiv għandu jattendi għal-laqgħat tal-Kunsill imma ma jkollux dritt li jivvota. Waqt diskussjonijiet ta' materji li jistgħu jolqtu r-relazzjonijiet kuntrattwali tagħha jew tiegħu mal-Kunsill, il-Kap Ezekuttiv għandu jirtira mid-diskussjoni relattiva fil-Kunsill.

(4) Il-Kunsill għandu jkun rappreżentat legalment miċ-*chairperson* jew mill-Kap Ezekuttiv, jew minn xi uffiċjal ieħor li l-Kunsill jista', minn żmien għal żmien, jiddeċiedi dwaru.

Pubblikazjoni ta' listi.

9. (1) Il-Kunsill għandu jistabbilixxi lista ta' konsulenti teknici dwar il-livelli u l-kwalifiki u dwar il-valutazzjoni u l-akkreditar minn fost persuni kwalifikati u ta' esperjenza li jkunu qegħdin joffru servizz f'istituzzjonijiet ewlenin ta' tagħlim u taħriġ, jew f'setturi ekonomiċi industrijali jew kummerjali, f'korpi professjonali jew entitajiet oħra, u li huma kompetenti fl-oqsma li jiġu żviluppati u sorveljati.

(2) Il-konsulenti teknici għandhom jiġu ingaġġati mill-Kunsill fuq bażi temporanja u għal proġetti speċifiċi sabiex:

(a) jagħtu parir lill-Kunsill dwar livelli u linji gwida u għodda ta' valutazzjoni, dwar materjal ta' tagħlim propost u istituzzjonijiet akkreditati biex jagħtu ċ-ċertifikati, dwar żvilupp professjonali, u dwar l-akkreditazzjoni u r-revizjoni ta' kwalifiki;

(b) jipprezentaw għall-approvazzjoni tal-Kunsill, livelli xierqa, linji gwida ta' l-valutazzjoni u kwalifiki u rapporti relatati ma' paragrafu 2(a), ta' dan ir-regolament;

(ċ) jorganizzaw, permezz tas-Segretarjat tal-Kunsill, sessjonijiet ta' konsultazzjoni regolari ma' rappreżentanti ta' istituzzjonijiet edukattivi u ta' taħriġ, setturi stabbiliti fl-industrija, u ma' sħab soċjali li jkollhom interess, bil-għan li jiżguraw relevanza, li persuna tkun tajba għax-xogħol, kwalita' u rikonoxximent internazzjonali.

Konsulenti Tekniċi.

10. (1) Il-Kunsill għandu, minn żmien għal żmien, jippubblika lista ta' programmi ta' taħriġ, aġenziji ta' taħriġ, u ta' istituzzjonijiet edukattivi li jkollhom livelli, kwalifiki u linji gwida ta' valutazzjoni li jkunu rikonoxxuti taħt dawn ir-regolamenti.

(2) ċertifikati mogħtijin minn programmi, aġenziji u istituzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu preċedenti ta' dan ir-regolament għandhom ikunu approvati mill-Kunsill jekk dawn il-programmi, aġenziji u istituzzjonijiet ikunu konformi mal-livelli, kwalifiki u linji gwida ta' valutazzjoni stabbiliti mill-Kunsill.

Qafas tal-Kwalifiki.

11. (1) Għandu jkun hemm Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki li jimxi id f'id ma' proċeduri ta' Livelli, Sistemi ta' Tagħlim u ta' Assikurazzjoni tal-kwalità.

(2) Meta jkun qiegħed jikklassifika l-kwalifiki u *standards* nazzjonali ta' kompetenza fl-għarfien, ħiliet u attitudnijiet, il-Kunsill għandu jimxi mat-tmien livelli ta' kwalifiki u kompetenzi kif imsemmija fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, li jfissru l-livelli ta' kwalifiki u kompetenzi meħtieġa li jaghtu aċċess ghal studji ogħla u taħriġ u sabiex persuna taghmel xogħol f'livell speċifiku.

Kif dawn ir-regolamenti ma japplikawx.

12. Il-Kunsill ma jkollux is-setgha li jaghti *warrants*, liċenzji jew reġistrazzjonijiet ta' xi professjoni jew sengħa li hemm provdut dwarhom taħt xi liġi oħra.

Thassir A.L. 215 ta' l-2000.

13. Ir-Regolament ta' l-2000 dwar Kwalifiki Professjonali u Vokazzjonali ta' Malta, huma b'dawn imħassrin.

SKEDA
(Regolament 11(2))

LIVELLI TA' KWALIFIKI U KOMPETENZI

L-Ewwel Livell

Persuna li tikkwalifika f'dan il-livell tkun tista' tkompli bi studji ogħla jew ikollha aċċess għal xogħol li ma jeħtieġx sengħa, iżda li jista' jinkludi element ta' aktar taħriġ. Dan il-livell hu ta' sikwit il-punt tat-tluq ta' persuni bla kwalifiki sabiex ikomplu jitgħallmu. It-tagħlim f'dan il-livell jiġi normalment żviluppat matul l-edukazzjoni obbligatorja u jikkontribwixxi għal edukazzjoni ġenerali iżda jinkiseb ukoll permezz ta' programmi ta' tagħlim ta' l-adulti u permezz ta' tagħlim mhux formali u dawk informali.

It-Tieni Livell

Persuna li tikkwalifika f'dan il-livell tkun tista' tidħol fi programmi ta' taħriġ li jwasslu għal kwalifika jew għal aċċess ta' xogħol li ma jeħtieġx sengħa, iżda li jista' jinkludi element ta' aktar taħriġ. Dan il-livell jista' jkun il-punt tat-tluq għal tagħlim permanenti. It-tagħlim f'dan il-livell jinkiseb b'mod formali permezz ta' l-edukazzjoni obbligatorja u jista' jinkludi introduzzjoni fid-dinja x-xogħol. Kwaliki f'dan il-livell jistghu jiġu meqjusa bhala it-tmien ta' l-edukazzjoni obbligatorja.

It-Tielet Livell

Persuna li tikkwalifika f'dan il-livell ikollha aċċess għal xogħol *semi-skilled,* taħriġ aktar avvanzat u parti mill-edukazzjoni ogħla. Kisbiet tat-Tielet Livell jixhdu tagħlim formali f'parti mill-edukazzjoni sekondarja ogħla jew fl-edukazzjoni ta' l-adulti fi skejjel, kulleġġi, ċentri ta' taħriġ jew tagħlim fuq il-postijiet tax-xogħol. Kwalifiki f'dan il-livell jirriflettu ukoll taghlim mhux formali permezz tax-xoghol u tahrig f'sengha jew qasam ta' xoghol. Dan il-livell jista' jkun fondamentali fit-triq ta' taghlim ghal hajja.

Ir-Raba' Livell

Persuna li tikkwalifika f'dan il-livell tkun tista' tgħaddi ghal studju ogħla jew ghal impieg f'xogħol tas-sengħa. Dan il-livell ta' kwalifika jsostni ukoll taħriġ spejalizzat aktar avvanzat ghal dawk li jixtiequ jtejbu l-pożizzjoni tax-xogħol tagħhom. Kisbiet fir-Raba' Livell tipikament juru li persuna tkun spiċċat l-edukazzjoni f'livell ta' sekondarja ogħla, u xi tagħlim formali wara l-edukazzjoni obbligatorja jew edukazzjoni ta' l-adulti li tinkludi taħriġ fis-suq tax-xogħol.

Il-Ħames Livell

Persuna li tikkwalifika f'dan il-livell tista' tikseb aċċess ghal programmi ta' edukazzjoni ogħla fis-Sitt Livell, ghal xogħol b'sengħa għolja jew ghal avvanz fil-karriera permezz ta' titjib fir-rikonoxximent ta' ħiliet tax-xogħol. Kwalifiki fil-

Ħames Livell isegwu tipikament it-tlestija ta' programm ta' studju post sekondarju, bħal apprendistat flimkien ma' esperjenza wara l-programm f'qasam relatat. Tekniċi ta' livell gholi u *managers* jottjenu dawn il-kwalifiki li ħafna drabi jghaqqdu l-edukazzjoni sekondarja ma' dik terzjarja jew tahrig. Kwalifiki ta' edukazzjoni oghla f'dan il-livell jidhlu ma' l-ewwel ċiklu qasir [*short-cycle*] ta' kwalifiki ta' edukazzjoni oghla kif stabbilit fil-proċess ta' Bologna.

Is-Sitt Livell

Persuna bi kwalifika f'dan il-livell tkun tista' tikseb aċċess għal opportunitajiet ta' impjieg professjonali u huma ħafna drabi kwalifiki meħtieġa għad-dħul f'xogħolijiet professjonali u maniġerjali. Kwalifiki fis-Sitt Livell huma assoċċjati ma' l-ewwel ċiklu ta' kwalifiki fl-edukazzjoni oghla u jipprovdu aċċess ghal opportunitajiet ta' tagħlim aktar fil-fond fl-edukazzjoni ogħla.

Is-Seba' Livell

Persuna bi kwalifika f'dan il-livell tkun tista' tikseb aċċess ghal impjieg u progress fil-karriera permezz ta' speċjalizzazzjoni f'xi qasam partikolari. Kwalifiki fis-Seba' Livell huma assoċjati mat-tieni ċiklu ta' kwalifiki fl-edukazzjoni ogħla.

It-Tmien Livell

Persuna bi kwalifika f'dan il-livell tkun tista' tikseb aċċess ghal impjieg f'oqsma speċjalizzati u progress fil-karriera ghal dawk involuti f'xogħol li jirrikjedi ħiliet fir-riċerka, xogħol ta' studju serju u tmexxija ta' persuni oħra. Kwalifiki fit-Tmien Livell huma assojati mat-tielet ċiklu ta' kwalifiki fl-edukazzjoni ogħla.

L.N. 347 of 2005

EMPLOYMENT AND TRAINING SERVICES ACT (CAP. 343)

Malta Qualifications Council Regulations, 2005

IN exercise of the powers conferred by article 41 of the Employment and Training Services Act, the Minister of Education, Youth and Employment has made the following regulations:

1. (1) The title of these regulations may be cited as the Malta Qualifications Council Regulations, 2005. Citation and coming into force.

(2) These regulations shall come in force on a date to be established by the Minister responsible for Education.

2. In these regulations, unless the context otherwise requires: Interpretation.

"the Act" means the Employment and Training Services Act; "the Council" means the Malta Qualifications Council established by regulation 4;

"the Minister" means the Minister responsible for education;

"public officer" has the same meaning assigned to it by article 124 of the Constitution;

"qualifications" means a formal expression of knowledge, skills and competences of the individual, and they confer official recognition of value in the labour market and in further education and training;

"standard" shall have the same meaning assigned to it by Article 2 of the Malta Standards Authority Act and standards of knowledge, skills and competence shall be construed accordingly; Cap. 419

"technical advisor" means a person, or education and training institution, or an industrial or commercial establishment that provides technical advice to the Council as defined by regulation 9;

"training agency" means any approved institution or body corporate that provides services of a training or educational

nature that lead to the attainment of professional or vocational qualifications within the National Qualifications Framework as provided in regulation 11.

Malta Qualifications Council.

3. There shall be a Council, to be called the Malta Qualifications Council, having such functions as set out in these regulations.

Constitution of The Council.

4. (1) The Council shall consist of nine members appointed by the Minister and shall be composed as follows:

(a) a chairperson with relevant experience;

Cap. 451

(b) the person designated as the Mutual Recognition Coordinator under article 5 of the Mutual Recognition of Qualifications Act;

(c) a person from amongst public officers or government experts involved in the economic planning and development of the country;

(d) a person from amongst officials involved in standard setting and quality assurance in education;

(e) three persons to represent the interests of education and training providers and awarding bodies;

Cap.431

(f) two persons, to be nominated by the Malta Council for Economic and Social Development, one representing employers' organizations and one representing trade unions.

(2) The Council members shall be appointed for a period not exceeding three years and each member may be eligible for re-appointment.

(3) The Council shall meet as often as may be necessary or expedient and the quorum shall be five members, including the chairperson of the Council.

(4) In the absence of consensus, decisions of the Council shall be taken by a majority of votes of the members present and voting; in the case of an equality of votes, the chairperson of the Council shall exercise a casting vote.

(5) Any vacancy among members of the Council shall not invalidate the proceedings of the Council.

Council Objectives

5. The overall objective of the Council shall be:

(1) to steer the development of the National Qualifications Framework referred to in regulation 11 and to oversee the training and certification leading to qualifications within the Framework and which is not already provided for at compulsory education institutions or degree awarding bodies.

(2) The Council will also:

(a) establish and maintain a qualifications framework for the development, accreditation and award of professional and vocational qualifications, other than degrees, based on standards of knowledge, skills, competences and attitudes to be acquired by learners;

(b) promote and facilitate life-long learning access, transfer and progression;

(c) foster the recognition abroad of professional and vocational certificates awarded in Malta under these regulations.

Functions of the Council.

6. (1) The functions of the Council shall be to do all things necessary or expedient in accordance with these regulations to further the objectives of the Council.

(2) Without prejudice to the generality of sub-regulation (1) of this regulation, the Council shall:

(a) promote and maintain the National Qualifications Framework and establish the policies and criteria on which the Framework shall be based;

(b) approve and ensure the publication of national standards of knowledge, skills, competences and attitudes for each development sector;

(c) endorse and ensure the publication of the procedures to be implemented by training agencies offering programmes of education and training for access, transfer and progression;

(d) ensure that such standards and procedures as are referred to in these regulations are implemented;

(e) endorse vocational education and training programmes delivered by training agencies;

(f) endorse certificates awarded by training agencies;

(g) keep and issue official records of certificates awarded;

(h) regulate the appointment of technical advisors appointed by Council; and

(i) perform such other functions as the Minister may advise from time to time.

(3) In the exercise of its functions the Council shall ensure full and proper consultation with the authorities and training agencies responsible for professional, vocational and further education and training and with the authorities responsible for the issue of trade licenses.

(4) The publication of standards and procedures referred to in this regulation shall be in such form and manner as the Council may prescribe.

(5) In the exercise of its functions as well as in the implementation of the relevant standards and procedures, the Council shall ensure adequate communication, transparency, consistency and fairness.

Council Secretariat.

7. (1) There shall be a Secretariat to provide the general administrative services to the Council.

(2) The functions of the Secretariat shall be -

(a) to co-ordinate the work of Council and keep record of all meetings;

(b) to co-ordinate the work of the Technical Advisors;

(c) to maintain a database of national standards of professional and vocational competencies at specific levels;

(d) to maintain a national database of persons awarded certificates endorsed by the Council;

(e) to disseminate information on qualifications and certification to all stakeholders and the public in general.

The Chief Executive Officer.

8. (1) The Council shall appoint a Chief Executive Officer for an initial period of five years renewable thereafter for other periods as the Council may decide.

(2) The Chief Executive Officer shall be responsible for the day-to-day management of the Council, and shall provide appropriate support for its meetings and shall implement its decisions.

(3) The Chief Executive Officer shall attend the meetings of the Council but shall not have a right to vote. During discussions on matters that may affect her or his contractual relationship with the Council, the Chief Executive Officer shall withdraw from the relative discussion in Council.

(4) The Council shall be legally represented by the Chairperson or the Chief Executive Officer, or by any other official as the Council may, from time to time, decide.

Technical Advisors.

9. (1) There shall be established by Council, a list of technical advisors on standards and qualifications and on assessment and accreditation from amongst qualified and experienced persons who are rendering services to leading teaching and training institutions, or to industrial and commercial economic sectors, to professional bodies or to other entities, and who are competent in the areas of competence to be developed and to be kept under review.

(2) The technical advisors shall be engaged by Council on a temporary basis for specific projects in order to:

(a) advise Council on standards and assessment guidelines and instruments, on proposed learning material and awarding bodies, on professional development, and on the accreditation and review of qualifications;

(b) submit to Council for approval, appropriate standards, assessment guidelines and qualifications and reports related to paragraph 2(a) of this regulation ;

(c) organize, through the Secretariat of the Council, regular consultative sessions with representatives of education and training institutions, established sectors in industry, and interested social partners with the aim of ensuring relevance, employability, quality and international recognition.

Publishing of lists.

10. (1) The Council shall, from time to time, publish a list of training programmes, training agencies, and education institutions

having standards, qualifications and assessment guidelines recognized under these regulations.

(2) Certificates awarded by programmes, agencies and institutions referred to in the preceding paragraph of this regulation shall be endorsed by the Council provided that such programmes, agencies and institutions conform with the standards, qualifications and assessment guidelines established by the Council.

Qualifications Framework.

11. (1) There shall be a National Qualifications Framework approved by the Council with the accompanying Standards, Learning Pathways and Quality Assurance procedures.

(2) In classifying qualifications and national standards of knowledge skills, competences and attitudes, the Council shall be guided by eight levels of qualifications and competence as indicated in the Schedule to these regulations, describing the levels of qualifications and competences needed to access further study and training and to perform work at a specific level.

Inapplicability ofregulations

12. The Council shall not have the power to grant warrants, licences or registrations of professions and occupations provided for under any other law.

Deletes L.N. 215 of 2000

13. The Malta Professional and Vocational Qualifications Regulations, 2000 are hereby deleted.

SCHEDULE
(Regulation 11(2))

QUALIFICATIONS AND COMPETENCES LEVELS

Level 1

The holder of a qualification at this level will be able to further learning opportunities and to gain access to unskilled employment that may include a further element of training. This level is often the entry point to a lifelong pathway for people with no qualifications. Learning is normally developed during compulsory education and contributes to general education but is also achieved through adult learning programmes and through non-formal and informal learning opportunities.

Level 2

The holder of a qualification at this level will be able to enter into qualification-based training programmes and to gain access to unskilled employment that may include a further element of training. This level can also be the entry point to lifelong learning pathway. Learning at this level is formally acquired during compulsory education and can include an induction to work. The achievement of qualifications at this level may be regarded as the end of compulsory education.

Level 3

The holder of a qualification at this level will be able to gain access to semi-skilled employment, further training and higher education. Level 3 achievements reflect formal learning in part of upper secondary or adult education in schools, colleges, training centres or learning in workplaces. It also reflects non-formal learning through work and basic training in an occupational field. This level can be a key stage in a lifelong education pathway.

Level 4

The holder of a qualification at this level will be able to obtain routes to further learning and to employment in skilled work that can be performed independently and entail supervisory and coordination duties. This level of qualification also supports further specialized training for those seeking job enhancement. Level 4 achievement typically reflects completion of upper secondary education and some formal learning in post compulsory education, adult education including labour market training.

Level 5

The holder of a qualification at this level will be able to gain access to higher education programmes at Level 6, to employment in highly skilled work or to career progression through improved recognition of work capabilities. Qualifications at level 5 typically follows completion of a post secondary learning programme, such as apprenticeship together with post programme experience in a related field. High grade technicians and managers achieve these qualifications that often bridge secondary with tertiary education and training. Higher education

qualifications at this level are associated with the 'short-cycle' [within the first cycle] of qualifications in the framework developed under the Bologna process.

Level 6

The holder of a qualification at this level will be able to gain access to professional employment opportunities and are often career entry qualifications for professional and managerial work. Level 6 qualifications are associated with the first cycle of qualifications in higher education and provide access to further learning opportunities in higher education.

Level 7

The holder of a qualification at this level will be able to gain access to employment and to career progression within the specialist field. Level 7 qualifications are associated with the second cycle of qualifications in higher education.

Level 8

The holder of a qualification at this level will be able to have access to employment in specialized fields and career progression for those involved in jobs requiring research skills, scholarly work and leadership. Level 8 qualifications are associated with the third cycle of qualifications in higher education.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 32ċ – *Price 32c*